**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

Avviż Nru: 37/2021 LC

**DR MALCOLM MIFSUD GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TA' TF BANK AB, BANK REĠISTRAT TAĦT IL-LIĠIJIET TA' FINLANDJA BIN-NUMRU TA' REĠISTRAZZJONI FINLANDIZA 2594352-3**

*vs*

**JONAS KARL GUSTAV HYVARINEN**

**Illum, 24 ta' Ottubru 2022**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ppreżentat fit-12 ta' Frar, 2021 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' sitt elef u sitt mitt Ewro (€6,600) rappreżentanti bilanċ dovut għall-servizzi ta' *consumer credit facility* offruti mill-esponenti a favur ir-rikorrenti ai termini tal-ftehim datat is-sbatax (17) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) minn liema fattura tnaqqsu l-ammonti diġà mħallsa mir-rikorrent.

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi wara diversi tentattivi ta' notifika, ir-rikorrenti nomine ġie awtorizzat jinnotifika lill-konvenut bil-proċedura tal-publikazzjoni u l-affissjoni ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan illi n-notifika tas-soċjetà konvenuta għandha titqies li saret fil-21 ta' Ottubru 2021;

Rat illi l-konvenut ma ppreżenta ebda risposta sabiex jilqa' għat-talba tar-rikorrenti;

Rat illi fil-11 ta' April 2022 ir-rikorrenti ppreżenta affidavit ta' Markus Maunula flimkien ma xi annessi;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2022 ir-rikorrenti għalaq il-provi tiegħu;

Rat illi s-seduta tal-lum kienet intiża għall-provi tal-intimat iżda l-intimat imsejjaħ diversi drabi baqa' ma deherx;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta li minkejja li l-konvenut ġie debitament notifikat bl-atti proċesswali kif hawn fuq imsemmi, huwa għażel li ma jissottometti ebda risposta u lanqas li jidher għas-sejħa ġudizzjarja tar-rikorrenti.

Ikkonsidrat;

Illi permezz tal-affidavit datat il-11 ta' April 2022, Markus Maunula jikonferma illi l-intimat applika għal Credento Loan NRO 600048981 mill-Bank TF Bank fis-17 ta' Diċembru 2018 u obbliga ruħu li jħallas is-self flimkien mal-interessi lil TF Bank AB, fil-branka tal-Finlandja. Jirriżulta illi s-self oriġinali kien ta' €8,000 liema ammont ġie trasmess lill-intimat fit-18 ta' Diċembru 2018.

Jirriżulta mill-Affidavit li l-intimat għamel xi pagamenti minn dan is-self, b'hekk il-Qorti m'għandiex raġuni għalfejn tiddubita illi s-somma mitluba mir-rikorrenti m'hijiex verament dovuta mill-intimat

Illi b'hekk, is-somma mitluba mir-rikorrenti ġiet suffiċjentement ipprovata;

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-imgħax, jirriżulta li s-self bankarju sar lill-intimat f'ismu personali. Ma tressqet ebda prova li dan is-self għandu natura kummerċjali u b'hekk il-Qorti tqis li għandu jiġi applikat id-dispost tal-Artikolu 1141(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Adrian Mifsud et noe** [1] "*In linea ma' gurisprudenza affermata dawn* [l-imgħaxxijiet] *ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni,*"

Illi mill-atti pproċesswali jirriżulta li r-rikors odjern ġie notifikat lill-intimat fil-21 ta' Ottubru 2021 u hija din id-data minn meta għandu jibda jiddekorri l-imgħax kif mitlub bir-rata stipolata ai termini tal-Artikolu 1139 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[1] **Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Adrian Mifsud u Neville Mifsud noe**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 9 ta' Diċembru 2002, Ċitazz. Nru 105/1993/1

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti nomine u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Jonas Karl Gustav Hyvarinen iħallas lir-rikorrenti nomine is-somma ta' sitt elef u sitt mitt Ewro (€6,600) u bl-imgħax legali b'effett mit-21 ta' Ottubru 2021, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż tal-preżenti a karigu esklussiv tal-intimat.

Ft.Dr. Leonard Caruana
**Maġistrat**

Sharonne Borg
**Deputat Reġistratur**